MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 114/2013

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Azzopardi Marouska**
**ID 467779M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Frar, 2013 fejn il-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u sebghin ewro u tmien centezmi (€370.08) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40167923 moghtija mis-Socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u DOK IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt

mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-24 ta' Mejju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebghin ewro u tmien centezmi (€370.08) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------